MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 3/2011

**Ludwig Camilleri (ID501973M)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-24 ta' Marzu 2011 il-Bord tal-Kummissarju Specjali tat-Taxxi Interni ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

***"Il-Bord:***

***Ra***

*(1) Ir-Rikors ghal Appell (Fol l-4), sottomess mill-appellant fid-29 ta' Ottubru 2007, kontra l-Assessment*

*Nru. 2264071 mahrug ghas-Sena ta' Stima 2003 mill-appellat, ghal hlas ta' Income Tax fl-ammont ta' Lm49,666. L-Appell jindika (Fol 1) ic-cifra ta' 'Lm63,785 oltre l-imghax', izda, stante li hadd mill-partijiet ma pprezenta kopja tal-assessment appellat innifsu, il-Bord ma hux edott dwar l-aspett ta' xi Imghaxijiet jew Multi likwidati.*

*(2) L-ittra ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju (Fol.5), mibghuta fl-20 ta' Settembru 2007, fejn informa lill-appellant li ma setax jilqa l-oggezzjoni tieghu ghar-raguni li:*
*"Ma ntlahaqx ftehim bejn ir-rapprezentanti tieghek u ufficjali Tad- Dipartiment dwar ix- 'shares' tieghekf Tal-Barrani Co. Ltd. Barra minn hekk ma pprovdejtx spjegazzjoni dokumentata dwar id-depoziti tieghek kif kont mitlub li taghmel."*

*(3) Kopja ta' kuntratt, bid-data tat-2 ta' Ottubru 2002, fl-Atti tan-Nutar Dr. Carmelo Mangion (Fol 16-22).*

*(4) Kopja ta' kuntratt, bid-data tat-13 ta' Jannar 2003, fl-Atti tan-Nutar Dr.Carmelo Mangion (Fol 23-28).*

*(5) Kopja ta' skrittura privata sottoskritta fil-5 ta' Dicembru 2002 (Fol 29-33) bejn l-appellant u s-Sur Michael Axisa ghan-nom ta' Michael Axisa Ltd. F'Fol 31 ta' din l-iskrittura huwa indikat li s-Sur Axisa nomine accetta li jixtri minghand l-appellant 2000 share ordinarju 50% paid up fil-kumpanija Tal-Barrani Co.Ltd, u dan bil-prezz ta' Lm72,500.*

*(6) Kopja ta' kuntratt, bid-data tal-14 ta' Frar 2003, fl-Atti tan-Nutar Carmelo Mangion (Fol 34-36).*

*(7) Kopja (Fol 37 u 71) tal-valutazzjoni ta' kull wiehed mill-2000 share imsemmija f'(5) hawn fuq. Din il-valutazzjoni hija mahduma mill-accountants u Udituri Falzon & Falzon, inhadmet fis-17 ta' Ottubru 2002, u turi dan il-valur f'ammont ta' Lm 58.*

*(8) Kopja ta' kuntratt bid-data tat-18 ta' Marzu 2005, fl-Atti tan-Nutar Dr.Carmelo Mangion (Fol 38-52).*

*(9) Kopja ta' dikjarazzjoni guramentata, maghmula mill-appellant fis-16 ta' Jannar 2004, fejn fiha (Fol 53) hu jiddikjara li rcieva ir-rikavat ta' Lm 72,500 bhala hlas skont (5) hawn fuq, u li din is-somma huwa rega poggiha fl-istess kumpanija Tal-Barrani Co. Ltd sabiex jinqata parti mid-dejn li hija kellha mal-HSBC Bank Malta plc.*

*(10) It-twegiba tal-appellat (Fol 56) bid-data tal-31 ta' Ottubru 2007 ghall-appell f'(1) hawn fuq, fejn isostni li, ghar-ragunijiet f' (2) hawn fuq, il-likwidazzjoni appellata hija gusta u jisthoqqilha konferma.*

*(11) Kopja ta' kemm il-wicc kif ukoll il-warrani ta' Bank Draft Nru. 251357 fuq il-kont tal-bank Nru. 10196790201 mahrug fil-15 ta' Ottubru 2002 mill-fergha ta' Racecourse Street ta' Bank of Valletta pic, ghall-ammont ta' Lm72,500 pagabbli lis-Sur Pio Camilleri (Fol 86).*

*(12) Is-sottomissjonijiet dokumentati tal-appellant sottomessi:*

*- Fid-29 ta' Ottubru 2007 mal-formola tal-appell (Fols 6-15);*
*- Fis-16 ta' Gunju 2010 (Fols 78-79); u*
*- Fit-28 ta' Frar 2011 (Fols 11l-199).*

*(13) Is-sottomissjonijiet dokumentati tal-appellat sottomessi:*
*- Fl-14 ta' Dicembru 2010 (Fol 101), u*
*- Fit-28 ta' Frar 2011 (Fol 200-218).*

*Mexxa*

*It-Trattazzjoni tal-Appell li saret:*
*- Fis-Seduta Nru. 14/2010 tad-9 ta' Gunju 2010 (Fol 58-60);*
*- Fis-Seduta Nru. 32/2010 tas-27 ta' Ottubru 2010 (Fol 87-88), u*

*- Fis-Seduta Nru. 1/2011 tas-17 ta' Jannar 2011 (Fol 109-110).*

*Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2010 (Fol 59) gie stabbilit li d-Dipartiment kien assessja lill-appellant fuq cifra ta' Lm 27,517 bhala "Other Income" (Fol 75), u l-KTI spjega li dik kienet cifra li hija l-bilanc minn cifra akbar ta' depoziti bankarji li, wara ezami tal-istatements bankarji tal-appellant, id-Dipartiment baqa' jew mhux provdut supporting documentation dwarhom, jew li dwarhom baqa' mhux sodisfatt mill-ispjegi li forna l-appellant.*

*Fl-istess seduta l-KTI ha l-posizzjoni li, a bazi ta'*
*- Il-valutazzjoni tal-ishma kif indikata fid-dokument Nru.7 hawn fuq, u*
*- Kopja ta' offerta li l-appellant kien ghamel lid-diretturi ta' Michael Axisa Ltd biex ibielghom l-istess ishma bl-istess prezz ta' Lm 58 ghal kull sehem, allura, skont il-KTI, l-effettiv u fattwalment ricevut rikavat kien dak ta' Lm115,800 li id-Dipartimkent stabbilih bhala Capital Gains Income (Fol 59 u 75).*

*Din il-posizzjoni baqghet tigi konsistentement opposta mill-appellant matul il-kors kollu tat-trattazzjoni tal-Appell, u dan essenzjalment a bazi kemm tad-diversi kuntratti ga fuq citati, kif ukoll a bazi tax-xhieda tan-Nutar Dr. Carmelo Mangion moghtija taht gurament fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru 2010 (Fols 89-96). U f' dal-kuntest ir-riferenzi ewlenin huma:*

*- Id-dikjarazzjoni ta*[1] *xiri minn Michael Axisa tal-ishma fil-5 ta' Dicembru 2002 b'Lm72,500(Fol 31 u 64);*

*- Id-dikjarazzjoni guramentata tal-appellant fis-16 ta' Jannar 2004 (Fol 53);*

*- Id-dikjarazzjoni guramentata tal-appellant fis-16 ta' Jannar 2004 (Fol 53);*

*- Ix-xhieda moghtija taht gurament minn-Nutar Dr. Carmelo Mangion fis-27 ta' Ottubru 2010 (Fols 94-96) fejn ikkonferma li:*

*- Il-hlas li sar kien dak ta' Lm72,500 kif indikat fl-ewwel faccata tal-kuntratt redatt minnu fl-14 ta' Frar 2003 (Fols 34 u 95). Ta' dan il-pagament ta' Lm72,500 l-appellant ta ricevuta skont kif jidher fil-kuntratt tal-5 ta' Dicembru 2007 (Fol 64);*

*- Michael Axisa kien konxju mill-istat tal-kumpanija Tal-Barrani Ltd, il-kawzi pendenti kontriha, l-istat finanzjarju taghha, u li dwar dawn l-elementi "ma ried, u ma kien, qed jaghti ebda garanzija", b'din ir-riferenza presumibilment tkun anki ghal fatt li ma Fenech Estates Ltd, is-socju l-iehor, kien hemm certu nuqqas ta' qbil (Fol 30/31);*

*- Li waqt li, iva, kien ittiehed il-bazi ta' Lm 58 bhala valur ghall-iskop ta' kalkolu ta' Capital Gain, il-prezz imhallas ghall-ishma kien ta' Lm72,500 (Fol 96).*

*Mis-seduta li nzammet fis-27 ta' Ottubru 2010 (Fol 97) il-Bord iddeduca li wara ix-xhieda moghtija minn-Nutar Dr. Carmelo Mangion l-enfasi fil-posizzjoni tal-appellat beda jsir aktar fuq il-fatt li id-Dipartiment ma kienx sodisfatt bl-informazzjoni u dokumentazzjoni li tah l-appellant dwar depoziti maghmula fil-kont bankarju tieghu, milli dwar il-veracita' o meno tal-prezz ricevut minnu ghall-ishma f' Tal-Barrani Co. Ltd minnu mibjugha (Fol 101). Din, wiehed ifakkar, kienet it-tieni miz-zewg ragunijiet migjuba mid-Dipartiment ghar-rifjut tal-Oggezzjoni maghmula fil-31 ta' Mejju 2006 (Fol 5).*

*Il-Bord issokta jikkonferma l-fehma tieghu wara s-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2011 (Fol 109-110), fejn fiha tressqet lista ta' depositi bankarji maghmula bejn Jannar u Dicembru 2002 bi hdejn kull depozitu deskrizzjoni mill-appellant ta' x'kien jirrapprezenta (Fol 105-108). F'dik l-okkazjoni wkoll il-Bord ghamilha cara "li huwa dover tal-appellant li jkun f'posizzjoni li jipprezenta lill-appellat dokumenti u/jew accounting records (bookkeeping) li tissodisfa l-esigenzi tal-appellat" (Fol 109). U precizament ghal dan il-ghan ta zmien lill-appellant sa mhux aktar tard mit-18 ta' Frar 2011 biex jipprezenta lid-dipartiment dokumentazzjoni kif hawn deskritta, u dan b'mod*

*partikolari ghal depoziti f'dik il-lista li l-appellant qal li kienu rifuzjonijiet lilu ta' flus minfuqa fl-interess tal-kumpaniji Filati Ltd., L-Ghajn Construction Ltd., L. & A. Company Ltd., u taz-Zejtun Corinthians Football Club.*

*Fit-28 ta' Frar 2011 (Fol 111) l-appellant informa lill-Bord li huwa kien ipprepara d-dokumenti in kwistjoni u pprezenthom lid-Dipartiment fit-18 ta' Frar 2011. Kopja ta' din l-estensiva dokumentazzjoni giet sottomessa wkoll lill-Bord (Fol 116-199) u l-ezami taghha mill-Bord wassal ghal konkluzjoni li l-appellant kien ghamel sforz estensiv u genwin biex imur a long way lejn l-aspettattivi kollha tad-Dipartiment. Dan il-fatt jidher li gie anki rikonoxxut mid-Dipartiment li (vide Fol 201) accetta li, minn total ta' depoziti ta' Lm34,381 li dwarhom kien qed jesigi spjegazzjonijiet, jiddikjara li kien ghar-rigward ta' Lm10,833 biss li baqa' mhux sodisfatt. Ikkunsidrati dawn l-elementi l-Bord iqis li huwa gustifikat id-Dipartiment f'li dan l-ammont ta' Lm10,833 jigi mehud bhala "Other Income" originarjament mhux dikjarat u suggett ghat-Taxxa fuq id-Dhul.*

*Tibqa' allura l-kwistjoni l-ohra dwar jekk, stante li, minn dak li xehed in-Nutar Dr. Charles Mangion, u mill-kuntratt tal-bejgh tal-ishma, u l-kopja tal-bank draft esibiti, il-veru rikavat percepit minn missier l-appellant Piju Camilleri fl-operazzjoni tal-bejgh tal-ishma kien ta' Lm72,500, jekk din is-somma hix, kollha, jew parzjalment, jew xejn, taxxabbli skont il-ligi.*

*It-tezi tal-appellant hija li, biex seta sar it-trasferiment tal-ishma minghand Ludwig Camilleri lil Michael Axisa (li sehh permezz tal-iskrittura tal-5 ta' Dicembru 2002 (Fol 29-33), missieru Piju Camilleri kellu jassumi obligu favur Axisa fis-sens li jassumi li jhallas parti mid-dejn li l-kumpanija Tal-Barrani Co. Ltd kellha lejn il-Bank. Fil-fatt dan il-hlas sar fit-13 ta' Jannar 2003 (Fol 12), u b'hekk Piju Camilleri gie surrogat fid-drittijiet kollha li qabel kienu ta' Axisa.*

*Minkejja li hu azzjonista fis-socjeta' Tal-Barrani Co. Ltd (2000 sehem, 50% paid up, li jigu terz tal-kapital, u kien*

*xtrahom b'Lm200, Fol 7), l-appellant Ludwig Camilleri effettivament ma rcieva ebda hlas f'idejh, wara process li fil-fatt kien komplikat imma li hu mfisser bid-dettalji u l-implikazzjonijiet kollha fid-Dokument A (Fol 7-9) mal-Appell, fl-ittra lill-KTI mill-avukat tal-appellant fis-16 ta' Dicembru 2005 (Fol 12-15), u mis-sottomissjonijiet fit-28 ta' Frar 2011 (Fol 113-115). Il-Bord huwa tal-fehma li l-ftehim tat-trasferiment tal-ishma (kif a Fol 29-33), u d-diversi transazzjonijiet relatati (li jinvolvu anki l-Bank HSBC u kumpaniji u individwi ohra) jippruvaw ampjament id-dikjarazzjoni tal-appellant li hu personalment effettivament ma ghamel ebda qliegh kapitali f'din l-operazzjoni. Il-Bord jinnota wkoll li kull responsabilita' ta' hlas ta' Capital Gains Tax, potenzjalment imponibbli, mal-bejgh tal-ishma kien ix-xerrej Axisa li accettaha fil-kitba tal-bejgh (Fol 33).*

*Da parti tieghu l-appellat spjega li huwa wasal ghac-cifra ta' Lm115,800 bhala Qliegh Kapitali taxxabbli attribwibbli lill-appellant, billi ha l-valutazzjoni tal-2000 sehem (u mhux 200, Fol 200, ara anki Fol 62) fl-ammont ta' Lm58 il-wiehed, skont il-valutazzjoni maghmula mill-Awdituri Falzon & Falzon (Fol 5 30,71 u 73) u naqqas Lm200 li kien il-prezz originarjament imhallas ghalihom fl-1995 mill-appellant (Fol 7). Izda ghal din il-posizzjoni l-appellant irrileva (Fol 59) li, ghalkemm verament dik l-istima saret u f' dan il-livell, fil-fatt ix-xhieda u d-dokumentazzjonji kollha ga fuq citata, tindika pagament ta' Lm72,500 li izda, kif ga spjegat, ma kienx effettivament qliegh kapitali perceput. Il-Bord fil-fatt huwa tal-fehma li hija perfettament plawsibbli in-nozzjoni ta' qliegh kapitali nozzjonali li fuqu jista' jigi kalkulat quantum ta' capital gains tax, li izda fir-rejalta' tali qliegh kapitali ma jkunx tangibilment sehh u ergo ebda taxxa ma tkun fil-fatt imponibbli.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord jordna li ghandu jerga' jinhadem u jinhareg l-Assessment impunjat a bazi ta':*

*(a) Dhul minn Employment or Office ta' Lm 4,428 (Fol 75);*
*(b) Dhul lehor (Other Income) fil-livell ta' Lm10,833 li l-appellant ma wasalx biex jevidenzja u jispjega sodisfacentement fid-depoziti bankarji tieghu);*

*(c) Multa mponibbli skont il-provvedimenti tal-Artikolu 51(l)(a) tal-Income Tax Management Act (Kap 372), talli dan id-dhul ma kienx gie dikjarat mill-appellant.*

*(d) Ebda impozizzjoni ta' Imghax.*

*L-ispejjez kollha tal-Appell ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.*

*Purament ghad-dover ta' kronaka l-Bord ihoss li ghandu jirrileva l-fatt li din hija l-ahhar sentenza tieghu f'operat li jestendi lura ghal perijodu ta' kwazi 61 sena, minn Mejju tal-1950 taht diversi bordijiet differentement komposti, u dan stante l-fatt li issa l-Appelli kollha relatati ma kwistjonijiet tal-Income Tax huma processibbili skont l-Att Nru. 5 tal-2007 Dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap 490.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 25 ta' April 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u tirriforma d-decizjoni tal-Bord imsemmi datata 24 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tiddikjara li l-appellat ghandu jigi ntaxxat fuq id-dhul minn qliegh kapitali fuq it-trasferiment ta' ishma tal-5 ta' Dicembru 2002 tikkonfermaha ghall-kumplament bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta ta' Ludwig Camilleri datata 19 ta' Mejju 2011 a fol 9 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Sarah Portelli ghall-appallant, ir-rapprezentant George Borg, u Dr. Antoine Fiott ghall-appellat prezenti li ta ruhu notifikat bl-avviz tas-

smigh tal-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ismijiet premessi datata 24 ta’ Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant jikkontendi li kien sar trasferiment ta’ 2000 sehem ordinarju fis-socjeta’ “Tal Barrani Company Limited” minn Ludwig Camilleri lill Michael Axisa Limited ghall-prezz ta’ Lm116,000 b’valur ta’ Lm58 kull sehem, u la darba l-ishma mixtrija minn Ludwig Camilleri kienu fl-ammont ta’ Lm200, mela allura l-istess appellat ghamel qliegh kapitali ta’ Lm115,800, li flimkien ma dak li l-appellant isejjah bhala qliegh taxxabbli iehor jammonta ghall-Lm147,745 (€344,153) li jwassal ghall komputazzjoni ta’ taxxa pura imsemmi fl-Avviz ta’ Likwidazzjoni ta’ Lm49,666 (€115,690) u l-appellat gie assessjat dan l-ammont.

Illi fid-29 ta’ Mejju 2006 oggezzjona ghal dan ghaliex sostna li l-ammonti dikjarati minnu kienu korretti u allura ma hemm l-ebda penali dovuta; fl-20 ta’ Settembru 2007 l-appellant irrifjuta tal-oggezzjoni ghaliex sostna li “*ma intlahaqx ftehim bejn ir-rappresentant tieghek u ufficjali tad-dipartiment dwar is-‘shares’ tieghek f’Tal Barrani Co. Ltd. Barra minn hekk ma pprovdejtx spjegazzjoni dokumentata dwar id-depositi tieghek kif kont mitlub biex taghmel”.*

Illi sar appell mill-appellat odjern fid-29 ta’ Ottubru 2007 ghaliex huwa sostna li (a) ma sar ebda qliegh minnu fit-trasferiment tal-ishma; (b) ma kellu ebda *income* li ma giex dikjarat.

Illi l-appell odjern huwa mid-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali datata 24 ta' Marzu 2011 fuq riportata u dan limitatament fejn il-Bord iddecieda li ma kienx hemm qliegh taxxabbli fit-trasferiment tal-ishma tas-socjeta' indikata lil "Tal Barrani Limited', u l-aggravju tal-appellant huwa limitatat fis-sens li l-Bord tal-Kummisarji Specjali kien zbaljat meta accetta t-tezi tal-appellanti li mit-trasferiment tal-ishma ma kien sar l-ebda qliegh kapitali u dan ghaliex dak ikkalkulat mill-appellanti kien qliegh kapitali mit-trasferiment imsemmi taht l-**artikolu 5 tal-Kap. 123** u dan huwa fl-ammont ta' Lm115,800 kalkolat skond paragrafu 14 tar-rikors tal-appell odjern; dan huwa konformi ma' dak li xehed in-Nutar Charles Mangion u dan l-ammont huwa bbazat fuq *share valuation* (Dok. "G") li saret minn awdituri Falzon & Falzon, u ghalhekk l-argument li l-ammont li rcieva l-appellat gie mhallas lil Piju Camilleri sabiex dan jigi rifuz debitu li l-kumpanija kellha lejh u li l-ishma ma kellhom ghalhekk ebda valur ma kellux jigi accettat, u dan ghaliex dak li huwa relevanti ghal-ligi ma huwiex x'ghamel b'dak id-dhul l-appellat, izda li tali qliegh huwa taxxabbli. Inghad li f'dan l-isfond huwa relevanti l-qliegh li ghamel Ludwig Camilleri u mhux id-dejn li kellha s-socjeta' Tal Barrani Co. Ltd. Ma huwiex lanqas importanti li l-flus ghaddew direttament f'idejn Piju Camilleri ghal-kreditu li huwa kellu mal-kumpanija, ghaliex ghall-fini tal-ligi kien sar qliegh kapitali mill-appellat. F'dan il-kuntest jinghad fl-istess appell li *"interpretazzjoni moghtija mill-Bord ta' Kummissarji Specjali tad-disposizzjojnijiet dwar it-taxxa fuq il-qliegh kapitali, oltre li hija legalment inkorretta u bir-rispett insostenibbli, taghti lok ghal abbuz serju u evazjoni tat-taxxa".*

Illi jidher li dak li l-istess appellanti odjern qed jikkontesta fl-istess decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali huwa fejn gie deciz li:-

*"Tibqa' allura l-kwistjoni l-ohra dwar jekk, stante li, minn dak li xehed in-Nutar Dr. Charles Mangion, u mill-kuntratt tal-bejgh tal-ishma, u l-kopja tal-bank draft esibiti, il-veru rikavat percepit minn missier l-appellant Piju Camilleri fl-operazzjoni tal-bejgh tal-ishma kien ta' Lm72,500, jekk din*

*is-somma hix, kollha, jew parzjalment, jew xejn, taxxabbli skont il-ligi.*

*It-tezi tal-appellant hija li, biex seta sar it-trasferiment tal-ishma minghand Ludwig Camilleri lil Michael Axisa (li sehh permezz tal-iskrittura tal-5 ta' Dicembru 2002 (Fol 29-33), missieru Piju Camilleri kellu jassumi obligu favur Axisa fis-sens li jassumi li jhallas parti mid-dejn li l-kumpanija Tal-Barrani Co. Ltd kellha lejn il-Bank. Fil-fatt dan il-hlas sar fit-13 ta' Jannar 2003 (Fol 12), u b'hekk Piju Camilleri gie surrogat fid-drittijiet kollha li qabel kienu ta' Axisa.*

*Minkejja li hu azzjonista fis-socjeta' Tal-Barrani Co. Ltd (2000 sehem, 50% paid up, li jigu terz tal-kapital, u kien xtrahom b'Lm200, Fol 7), l-appellant Ludwig Camilleri effettivament ma rcieva ebda hlas f'idejh, wara process li fil-fatt kien komplikat imma li hu mfisser bid-dettalji u l-implikazzjonijiet kollha fid-Dokument A (Fol 7-9) mal-Appell, fl-ittra lill-KTI mill-avukat tal-appellant fis-16 ta' Dicembru 2005 (Fol 12-15), u mis-sottomissjonijiet fit-28 ta' Frar 2011 (Fol 113-115). Il-Bord huwa tal-fehma li l-ftehim tat-trasferiment tal-ishma (kif a Fol 29-33), u d-diversi transazzjonijiet relatati (li jinvolvu anki l-Bank HSBC u kumpaniji u individwi ohra) jippruvaw ampjament id-dikjarazzjoni tal-appellant li hu personalment effettivament ma ghamel ebda qliegh kapitali f'din l-operazzjoni. Il-Bord jinnota wkoll li kull responsabilita' ta' hlas ta' Capital Gains Tax, potenzjalment imponibbli, mal-bejgh tal-ishma kien ix-xerrej Axisa li accettaha fil-kitba tal-bejgh (Fol 33).*

*Da parti tieghu l-appellat spjega li huwa wasal ghac-cifra ta' Lm115,800 bhala Qliegh Kapitali taxxabbli attribwibbli lill-appellant, billi ha l-valutazzjoni tal-2000 sehem (u mhux 200, Fol 200, ara anki Fol 62) fl-ammont ta' Lm58 il-wiehed, skont il-valutazzjoni maghmula mill-Awdituri Falzon & Falzon (Fol 5 30,71 u 73) u naqqas Lm200 li kien il-prezz originarjament imhallas ghalihom fl-1995 mill-appellant (Fol 7). Izda ghal din il-posizzjoni l-appellant irrileva (Fol 59) li, ghalkemm verament dik l-istima saret u f' dan il-livell, fil-fatt ix-xhieda u d-dokumentazzjonji kollha*

*ga fuq citata, tindika pagament ta' Lm72,500 li izda, kif ga spjegat, ma kienx effettivament qliegh kapitali perceput. Il-Bord fil-fatt huwa tal-fehma li hija perfettament plawsibbli in-nozzjoni ta' qliegh kapitali nozzjonali li fuqu jista' jigi kalkulat quantum ta' capital gains tax, li izda fir-rejalta' tali qliegh kapitali ma jkunx tangibilment sehh u ergo ebda taxxa ma tkun fil-fatt imponibbli".*

Illi jidher u jirrizulta li dan gie ritenut ghaliex l-istess Bord tal-Kummissarji Specjali accetta l-ispjegazzjoni li kien ta l-appellat odjern fis-sens li meta sar tali bejgh ta' ishma effettivament ma kien sar l-ebda qliegh mill-appellat u dan ghar-ragunijiet spjegati dettaljatament fis-sottomissjonijiet maghmula quddiem il-Bord mill-appellat tramite l-Avukat Dr. Antoine Fiott (fol. 6) u minn Dok. "B" anness mal-istesss konsistenti f'ittra indirizzata lill-Kummissarju appellant datata 16 ta' Dicembru 2005.

Illi minn dawn, u mid-dokumenti u kuntratti kollha esebiti jirrizulta li l-kumpanija Tal Barrani Company Limited kienet iffurmata mis-sena 1984 u sussegwentement l-appellat sar azzjonista taghha. Fin-1984 hija sselfet l-ammont ta' Lm200,000 minghand il-Mid Med Bank (llum HSBC plc) u xtrat l-unika art li kellha s-socjeta' li kienet gewwa Hal Ghaxaq li wkoll inghatat bhala garanzija ghal tali dejn.

Illi fit-2 ta' Ottubru 2002, Pio Camilleri, missier l-appellat ha self ta' Lm150,000 minghand l-HSBC plc proprju sabiex ihallas parti mid-dejn tal-istess socjeta' u ta garanzija kemm bi proprjeta' tieghu personali u wkoll b'dik tas-socjeta' L-Ghajn Construction Limited, li taghha huwa azzjonista maggoritarju; konsegwenti ghal dan l-istess Piju Camilleri fit-13 ta' Jannar 2003 hallas l-ammont ta' Lm145,000 mill-flus li huwa ssellef sabiex jinqata' d-dejn tal-kumpanija "Tal Barrani Limited", bil-pagament issir b'surroga tad-drittijiet mill-Bank HSBC plc favur tieghu kontra l-istess socjeta'.

Illi l-istess operazzjoni saret fl-istess ammont mis-socjeta' Lay Lay Co. Ltd (li taghha Michael Axisa huwa azzjonist) fl-istess data, b'dan li kemm is-socjeta' Lay Lay Company Limited u Piju Camilleri saru krédituri tal-istess socjeta'

allura fl-ammont ta’ Lm145,000 kull wiehed. Sabiex Piju Camilleri johrog mill-istess socjeta’ huwa htieglu li jittrasferixxi l-kreditu tieghu lis-socjeta’ Michael Axisa Limited, gja azzjonista tal-istess socjeta’ Tal Barrani Company Limited, u jikkancella l-obbligazzjonijiet tieghu mal-Bank, u ghalhekk l-appellat (iben Piju Camilleri) b’kuntratt data 5 ta’ Dicembru 2002 trasferixxa 2,000 sehem fl-istess socjeta’ lill Michael Axisa Limited (li issa allura kellha 4,000 sehem); wara li sar il-pagament imsemmi fit-13 ta’ Jannar 2003 minn Piju Camilleri lil HSBC plc fl-ammont ta’ Lm145,000 mill-flus li huwa ssellef sabiex jinqata’ d-dejn tal-kumpanija “Tal Barrani Company Limited” u bis-surroga tad-drittijiet, u kien ghalhekk li fil-kuntratt ta’ trasferiment tal-ishma *de quo* datat 5 ta’ Dicembru 2002 (Dok. “E” – fol. 29) deher Piju Camilleri u obbliga ruhu li jittrasferixxi d-drittijiet ta’ surroga li akkwista kontra s-socjeta’ Tal Barrani Co. Ltd favur is-socjeta’ Lay Lay Company Limited.

Illi dan effettivament gie esegwit b’kuntratt datat 14 ta’ Frar 2003 (Dok. “F” – fol. 34) u ghalhekk is-socjeta’ Lay Lay Company Limited akkwistat kemm l-ishma tas-socjeta’ Tal Barrani Company Limited minghand l-appellat u wkoll dahlet bhala kreditur tal-istess socjeta’ flok Piju Camilleri.

Illi fil-fatt jidher li fuq il-kuntratt il-prezz tal-ishma kien ta’ Lm72,500 (u mhux ta’ Lm116,000 kif allegat mill-appellanti odjern) u tali flus ghaddew ghand Piju Camilleri bhala pagament in parte li l-istess kien ghamel sabiex jithallas id-dejn li kellha s-socjeta’ Tal-Barrani Company Limited mal-Bank HSBC plc. Sussegwentment l-istess art tas-socjeta’ Tal Barrani Company Limited (li ghaliha deher bhala kuratur deputat l-Avukat Louis Cassar Pullicino) inbieghet ghall-ammont ta’ Lm405,000 b’kuntratt datat 18 ta’ Marzu 2005 (Dok. “H” – fol. 38) lil Michael Axisa Limited (azzjonista tal-istess socjeta) u fl-istess kuntratt hemm riferenza ghall-kuntratt datat 13 ta’Jannar 2003 fejn appuntu s-socjeta’ Lay Lay Company Limited (li taghha Michael Axisa huwa azzjonista) u Piju Camilleri hallsu lill-Bank is-somma ta’ Lm145,000 kull wiehed (dejn tas-

socjeta' Tal Barrani Company Limited) b'surroga tad-drittijiet emananti minn tali hlas.

Illi dan kollu jfisser li effettivament meta wiehed jiehu l-valur tal-istess proprjeta' f'Hal Ghaxaq li kellha l-istess socjeta' Tal Barrani Limited li kienet stmata fl-ammont ta' Lm1,080,000, u tnaqqas id-dejn li kellha l-istess socjeta' fl-ammont ta' Lm730,000 dan ihalli bilanc ta' Lm350,000; izda meta l-istess art inbieghet (wara t-trasferiment tal-ishma lill-Michael Axisa Limited) bil-valur ta' Lm405,000 b'kuntratt datat 18 ta' Marzu 2005, mela allura jirrizulta li effettivament l-ishma fl-istess socjeta' ma kienu jiswew xejn. B'hekk jirrizulta li Axisa kien intitolat ghal zewg terzi tal-prezz derivat mill-bejgh ta' proprjeta' (ghaliex kellu zewgt terzi tal-ishma) u nofs ta' dawn iz-zewg terzi kien attribwibbli ghas-surroga fil-kreditu li kien akkwista minghand Piju Camilleri liema surroga allura kellha valur, mentri allura dan ifisser li l-ishma ma kellhom valur ta' xejn.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-Bord tal-Kummissarji Specjali, kif ukoll qal fl-istess decizjoni accetta din l-ispjegazzjoni tal-appellat, li hija sorretta minn dokumenti (inkluzi l-kuntratti kollha hemm imsemmija, (parti minnhom fuq elenkati) u dikjarazzjonijiet hemm indikati, li jidher li l-istess Bord fela sew u kien ghalhekk li esprima ruhu bil-mod indikat fid-decizjoni appellata, fejn appuntu ha in konsiderazzjoni l-operat kollu ta' din il-kwistjoni u mhux parti minnha biss (kif jidher li qed jaghmel l-appellant), u kkonkluda li bhala fatt li *"ma kienx effettivament* (hemm) *qliegh kapitali perceput. Il-Bord fil-fatt huwa tal-fehma li hija perfettament plawsibbli in-nozzjoni ta' qliegh kapitali nozzjonali li fuqu jista' jigi kalkulat quantum ta' capital gains tax, li izda fir-rejalta' tali qliegh kapitali ma jkunx tangibilment sehh u ergo ebda taxxa ma tkun fil-fatt imponibbli".*

Illi f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li dan huwa effettivament appell fuq punt ta' fatt deciz mill-Bord u allura lanqas huwa permissibbli skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37 (1) u (2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta** li jeppermettu appell biss fuq punt ta'

ligi, u f'dan il-kaz ma kien hemm ebda punt ta' ligi nvolut fl-istess decizjoni, kif l-istess decizjoni tal-Bord turi b'mod mill-iktar car, u kif espost anke f'din is-sentenza li kull ma ghamlet kien biss esposizzjoni tal-fatti, kif proposti mill-appellanti, kif proposti mill-appellat, kif decizi mill-Bord, u kif ikkonfermati bhala fatt minn din il-Qorti u ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tal-appellat hija gustifikata u tali appell qed jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Illi jinghad ukoll, ghall-grazzja tal-argument biss li fattwalment ghar-ragunijiet indikati l-appell ma jistax jigi milqugh ghaliex sar ezami sew tal-provi prodotti quddiem l-istess Bord u jinghad ukoll li fuq kollox l-appell quddiem il-Bord kien sar fuq dan il-punt l-Kummissarju lanqas kien spjega ghaliex ma accettax l-oggezzjoni tal-appellat, ghaliex kien qal biss li *"ma ntlaqax ftehim bejn ir-rappresentant tieghek u l-ufficjali tad-dipartiment".* Kien hawn li l-Bord anke fuq dan il-punt, ezamina kollox mill-puntu di vista fattwali, u dan ezawrjentement u wasal ghal decizjoni tieghu, li kienet fuq kollox konstatazzjoni ta' fatt. B'hekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat Ludwig Camilleri datata 19 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti l-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 25 ta' April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Bord tal-Kummissarji Specjali datata 24 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet "Ludwig Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" (Kaz. Numru 56/2007).**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------